

# It-Triq tas-Salib

"Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja."[1]

[1] Ara Mark 8, 34

Il-Kor

**It-Triq Tas-Salib**

Ħawn f'riġlejk Ġesù inġbarna
Biex infakkru t-tbatijiet
li għax tħobbna għaddejt minnhom
Biex ixxejjen il-ħtijiet

Tagħna lkoll li nqasna w dnibna
Meta fik ma emminniex
U warrabna fil-ġenb kelmtek
F'ħajjitna ma ridnihiex.

Iżda llum b'qalbna sogħbiena
Ġejna hawn għax nemmnu fik
Ġejna hawn għax Inti tħobbna
Tridna miegħek, fik w għalik

Tridna nsiru nixbħu lilek
Kif int xbaħt lilna l-bnedmin
Tridna ngħixu kif għext Inti
Tridna nkunu rebbiħin.

Ħa ngħannulkom din il-ġrajja
f'erbatax-il pass qaddis
Illi mexa Kristu Sidna
bl-għuda tas-salib għażiż.

Sa ma wasal fil-quċċata
ta' imħabbtu għall-bnedmin;
Biex hemm ħalla ħajtu għalina,
u aħna ġejna meħlusin.

Din il-ġrajja ta' kull sena
infakkruha f'dan iż-żmien
Imma kemm kemm ftit niftakar
illi ħtija tagħha jien,

Għax kont jien li ittradejtu
meta kien l-aqwa ħabib,
U kont jiena li kaxkartu
mal-għolja iebsa tas-salib.

L-Arċisqof
Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben ✠ u tal-Ispirtu s-Santu.

Il-Ġemgħa
Ammen.

L-Arċisqof
Il-Paċi magħkom.

Il-Ġemgħa
U miegħek ukoll.

L-Arċisqof
L-Aħwa għeżież dan huwa ħin ta' grazzja kbira għalina lkoll.
Se nirriflettu dwar l-aħħar ħin fil-ħajja ta' Ġesù;
ħajja li fiha, kif qal hu stess,
ma fittixx li jkun moqdi imma li jaqdi.[2]
Il-ħsieb huwa mportanti;
u minsuġ mal-emozzjonijiet tagħna,
jieħdu sura vera u rejali.
Huwa ħin importanti għaliex m'aħniex biss
se nidħlu fil-qalba tal-misteru ta' Kristu,
li hu mibni fuq it-tbatija, il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet,
iżda se nidħlu wkoll fil-qalba tal-misteru tagħna nfusna li,
irridu jew ma ridux,
ngħixu t-tiġrib tat-tbatija fl-oqsma kollha ta' ħajjitna,
f'kull żmien u f'kull sitwazzjoni li nsibu ruħna fiha.

Għalhekk din il-mixja fil-fidi
sseħibna fit-tbatija tal-Iben ta' Alla
li ssieħeb magħna,
biex kif it-tbatija tiegħu
swiet ta' pont għar-rebħa fuq id-dnub u l-mewt,
hekk ukoll it-tbatija tagħna ssib il-milja tagħha
meta tinbidel fir-rebħa fuq ix-xkiel
u t-tiġrib kollu ta' ħajjitna.

Iżda t-tbatija li se nirriflettu dwarha
mhix biss dik tagħna msieħba ma' dik ta' Ġesù.
Illum se nirriflettu flimkien,
għax it-tbatija hija l-esperjenza li tgħaqqadna flimkien.

---

[2] Mark 10,45

Għalhekk hija esperjenza komuni
li twaħħadna ma' Ġesù f'din il-mixja tiegħu.
Huwa tassew li lkoll qed inġorru s-salib personali tagħna.
Iżda magħqudin fil-mixja tal-fidi,
is-salib ta' kull wieħed u waħda minna
jsir is-salib ta' kulħadd.

Għalhekk ejjew qabel nibdew nimxu flimkien,
wara Sidna Ġesù Kristu,
nistqarru flimkien dak li hu s-sinjal tal-ħajja u t-twemmin tagħna,
għaliex il-Fidi li nemmnu u kif ngħixuha
jgħaqqduna fir-rebħa tal-Iben ta' Alla
magħmul bniedem għalina.

## Flimkien mal-Ġemgħa

Jiena nemmen f' Alla wieħed,
il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art,
dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx.
U f'Mulej wieħed Ġesù Kristu, Iben waħdieni ta' Alla,
imnissel mill-Missier qabel kull żmien.
Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru,
imnissel, mhux magħmul, natura waħda mal-Missier:
u bih sar kollox.
Niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin
u għall-fidwa tagħna.
U ħa l-ġisem bis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu
minn Marija Verġni u sar bniedem.
Sallbuh għalina, bata taħt Ponzju Pilatu,
miet u difnuh, u fit-tielet jum qam minn bejn l-imwiet,
skond il-Kotba Mqaddsa,
u tela' s-sema, u qiegħed fuq il-lemin tal-Missier.
U għandu jerga' jiġi bil-glorja
biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin,
u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem.
U fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja:
li ġej mill-Missier u mill-Iben;
li hu meqjum u mweġġah flimkien mal-Missier u mal-Iben:
hu li tkellem b'fomm il-profeti.
U fi Knisja waħda, qaddisa, kattolika, appostolika.
Nistqarr magħmudija waħda għall-maħfra tad-dnubiet.
U nistenna l-qawma mill-imwiet,
u l-ħajja taż-żmien li ġej. Ammen.

Arċisqof
Nitolbu
O Alla li nissilt il-ħajja tiegħek fina
dakinhar tal-Magħmudija tagħna
meta ndfinna ma' Kristu fi tbatijietu;
ilqa' din l-istqarrija umli tal-Fidi tagħna
u sawwab fina l-Ispirtu Qaddis tiegħek
ħalli aħna u naħsbu fil-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu,
nitħeġġu f'imħabbtu għalina
u ngħixuha kif għexha hu,
billi ħabbna u ta ħajtu għalina.
B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna li hu Alla,
u li miegħek jgħix u jsaltan
flimkien mal-Ispirtu s-Santu,
għal dejjem ta' dejjem.

Ġemgħa
Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

Il-Kor

**Arahom ġejjin**

Arahom ġejjin bħal klieb imgħaddbin
Bil-bsaten u l-għodda tal-qtil mgħobbijin:
Is'aħrab, Ġesù.
Arhom waslu qrib.
Hawn huwa l-ħabib,
Is'aħrab, int tafu dal-bniedem x'inhu:
Is'aħrab, Ġesù.

*Ma naħrabx.*
*Mar-rieda ta' Missieri ma nilgħabx.*
*Hawn jien, imbeżżgħa w għajjien.*
*Missier, kun ħanin. Warrabli minn fuqi dal-kiefer destin.*
*'Mma mhux li rrid jien, imbeżżgħa w għajjien,*
*Għax dgħajjef il-laħam u jċedi malajr.*

Ikun li trid int, ħa jseħħ il-ħelsien
Li fassal Missieri minn ewl il-ħolqien.

*Hawn jien! Sawwatni, aħqarni, għakkisni, sallabni.*

# Ġesù u d-dixxipli fil-Ġetsemani

**(Ħdejn il-Monument ta' Kristu Re)**

Qarrej

Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa

Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Qarrej

Il-mixja tagħna tibda ma' Ġesù u d-dixxipli tiegħu huma u jaqsmu l-Wied tal-Kedron. Il-wied bejn il-belt ta' Ġerusalemm u l-għolja taż-Żebbuġ. Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Ikla tal-Għid, Ġesù u d-dixxipli kantaw is-salmi u ħarġu lejn il-post tal-mistrieħ tagħhom: il-Ġnien tal-Ġetsemani.

Ġesù jaqsam id-dlam u l-baħħ tal-wied biex fil-ġnien tibda l-ġrajja tal-ħolqien il-ġdid. Il-mistrieħ mixtieq isir l-uġigħ tal-ħlas fejn il-bniedem jiltaqa' mar-rejaltà iebsa tar-rieda ta' Alla, u fl-istedina għat-twettiq tar-rieda tiegħu, Alla jagħti ħajja ġdida; il-bniedem imjassar jitwieled għall-libertà tal-għażla.

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann.[3]

Kif qal dan, Ġesù ħareġ mad-dixxipli tiegħu u qasam għan-naħa l-oħra tal-Wied ta' Kedron; hemmhekk kien hemm ġnien, u daħal fih mad-dixxipli tiegħu. Ġuda, dak li ttradih, kien jafu l-post, għax Ġesù kien sikwit jinġabar hemm mad-dixxipli tiegħu.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
Fid-dinja ta' żmienna il-valur assolut imqiegħed fuq kollox jidher li huwa l-libertà. Kollox iġġustifikat f'isem il-ħelsien. Iżda ħafna drabi hija biss libertà li twassal lil bniedem biex jagħmel li jrid, jiġifieri, il-ħelsien li jagħmel dak li jaqbillu.

Bil-libertà tiegħu il-bniedem lest li jagħmel ilsir lil ħaddieħor. Biex jikseb dak li jrid, jikkorrompi lil min jiflaħ inqas jew jinsab f'sitwazzjoni iktar dgħajfa, u hekk jagħmlu lsir.

Qarrej
Fil-Ġetsemani, Ġesù, jħossu mxekkel mill-irbit tar-rieda tiegħu kontra r-rieda tal-Missier. Jixtieq imma ma jistax. L-Ispirtu iva jrid iżda l-ġisem dgħajjef.[4] Dan il-kliem Ġesù qalu lilu nnifsu qabel ma għader bih lid-dixxipli tiegħu reqdin. Ħassu mxekkel bix-xewqa li jgħażel dak li ġej mill-ġibda lejn is-sopravivenza tiegħu innifu bħala bniedem. Għal ftit ma kienx ħieles biex jgħażel ir-rieda tal-Missier.[5]

Qarrej
Ġesù qali lil-Lhud: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom."[6]

Qarrej
Iżda hu meħlus mill-verità u l-libertà tiegħu ħielsa minn kull xkiel għax jagħżel dak li Alla jrid, li hu l-aqwa ġid. Hawn jidher il-ħelsien tagħna. Mhux meta nagħżlu li nwettqu dak li għandu jsir aħna, iżda meta

[3] Ġwanni 18, 1-2
[4] Mark 14,38b
[5] Mark 14, 36
[6] Mattew 8, 32

nagħżlu li Alla jagħmel li jrid bina. Il-fidi tiegħi trid tkun mibnija fuq il-verità ta' Alla. Jekk tkun mibnija fuq verità oħra li tinbidel, dak li llum jista' jidher veru għada jista' jkun qerq.

## Skiet

Qarrej
Għalina lkoll li nfittxu biss l-interessi personali tagħna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina lkoll li naħsbu li l-libertà tfisser li nagħmlu li rridu mingħajr ma nqisu lil ħadd u xejn.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina lkoll li nitjassru quddiem il-ġibdiet tagħna u l-ħajra biex nissieħbu fid-dnub kollettiv.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li huma mjassra għall-qliegħ tal-flus.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li m'għandhomx libertà biex jgħixu t-twemmin tagħhom b'mod pubbliku.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li għandhom il-libertà mxekkla minħabba l-istil ta' ħajja li jgħixu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li m'għandhomx il-libertà li jesprimu l-opinjoni tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li m'għandhomx il-libertà minħabba l-inġustizzji f'pajjiżhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jinsabu fil-ħabs.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
7. **Għal dawk li għandhom bżonn ieħdu deċiżjonijiet serji f'ħajjithom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
8. **Għal dawk li m'għandhomx il-libertà li jsibu xogħol biex jaqilgħu il-ħobża ta' kuljum.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
9. **Għal dawk nieqsa mil-libertà minħabba r-razza jew lewn tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
10. **Għal dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qegħdin ifixklu l-libertà ta' bnedmin oħra.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

**1**

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Salbu! Salbu!**
Salbu! Salbu! Salbu! Salbu!
*Nixtieqkom tgħiduli għal xiex għandu jmut.*
Salbu! Salbu!
*Ħuduh w agħmlu bih skont il-liġi tal-Lhud.*
Salbu! Salbu!
*'Mma kif nista' nsallbu jekk ħtija m'għandux?*
Salbu! Salbu!
*Is-swat nagħtihulu 'mma l-mewt ma nistax.*
Salbu! Salbu!
*Tridux li neħilsu kif nagħmlu fil-Għid?*
Salbu! Salbu!
*Araw ftit ir-raġel kemm huwa batut.*
Salbu! Salbu!
*Avolja qed jgħid illi hu r-re tal-Lhud.*
Salbu! Salbu!
*Għidtilkom u nerġa', fih ħtija ma nsibx.*
Salbu! Salbu!
*Insallab lill-bniedem li m'għamilx ħlief ġid?*
Salbu! Salbu!

*Allura ntihulkom ħa jkun kundannat.*
*Ħeqq jien x'nista' nagħmel, qaddej tal-istat?*

Mulej, jien ukoll qaddej tal-istat.
Kemm drabi b'idejja Int ġejt kundannat!
Kemm stajt, kemm ħallewni farfart minn spallejja.
Imbagħad, meta d-deni kien sar, ħsilt idejja.

U flok qdejt l-istat, inqdejt jien bl-istat.
U għent ta' kuljum biex jinbena l-istat tal-qaddejja.

# Ġesù kkundannat għall-mewt bla ħtija
**(Ħdejn il-Funtana tat-Tritoni)**

Qarrej

Il-mixja tagħna teħodna fil-bitħa tal-fortizza ta' Pilatu. Il-folla tħallik bla nifs. U bla moħħ. Ir-raġuni tieqaf u l-ħsus li jġarrab kull wieħed u waħda minna jsiru l-ħsus ta' merħla li ma taħsibx. Kif jagħmel kulħadd nagħmel jien. Fil-għoli jidher Pilatu u ħdejh raġel imsawwat u batut, liebes l-aħmar u bil-kuruna tax-xewk f'rasu. Ġwejjed u sieket. Bla ħajra ta' xejn. U n-naħa l-oħra raġel ieħor, fuq tiegħu, f'għajnejh il-qilla tar-rabja u l-mibgħeda. Iħajrek tingħaqad miegħu fil-ġlieda mqanqla mill-għatx għall-ħajja aħjar.

Qarrej

Qari mill-Evanġelju skont San Mark.[7]

F'nhar ta' festa kien jitilqilhom wieħed ħabsi, lil dak li kienu jitolbu huma. Issa fil-ħabs kien hemm wieħed jismu Barabba, arrestat flimkien max-xewwiexa li fir-rewwixta kienu qatlu lil xi ħadd. In-nies telgħu u bdew jitolbuh jagħmel kif kien jagħmlilhom dejjem. Qabad Pilatu u qalilhom: "Tridux nitilqilkom is-sultan tal-Lhud?" Għax hu għaraf tajjeb li l-qassisin il-kbar kienu tawh lil Ġesù f'idejh minħabba l-għira. Iżda l-qassisin il-kbar bdew ixewwxu n-nies li aħjar jitilqilhom lil Barabba. Pilatu raġa' staqsiehom u qalilhom: "U x'nagħmel imbagħad b'dak li intom issejjħulu s-sultan tal-Lhud?" Iżda huma nfexxew jgħajjtu mill-ġdid: "Sallbu!" Qalilhom Pilatu: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajjtu: "Sallbu!" Pilatu mbagħad, biex jogħġob lin-nies, telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa

It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej

Pilatu la kien qalbu żgħira u inqas u inqas nieqes mill-esperjenza. Darba Ġesù kien qal li ulied id-dinja, ma' min hu tal-qata' tagħhom huma bil-għaqal ħafna iktar minn ulied id-dawl.[8] U Pilatu u l-Lhud huma eżempju ċar ta' dan.

---

[7] Mark 15, 6-15

[8] Luqa 16, 8b

### Qarrej

Kemm insibuha faċli li ningħaqdu biex niksru l-liġi, induru kontra xi ħadd, inwettqu inġustizzji, ningħaqdu flimkien biex nistkennu fid-dell tal-kompliċità biex ngħaffġu lil ħaddieħor. Min jaf kemm-il darba nħarsu madwarna u naraw it-twettiq tal-inġustizzji u nibqgħu indifferenti. Ikunu kompliċi xorta waħda.

### Qarrej

Fil-bitħa tal-fortizza Antonja, sewwa sew maġenb it-Tempju fejn il-Lhud kienu jemmnu li tgħammar il-preżenza ta' Alla, il-bniedem Alla jsir vittma ta' inġustizzja. Innoċenti bħal Susanna quddiem dawk li akkużawha.[9] Iżda jekk permezz taż-żgħażugħ Danjel, dakinhar demm l-innoċenti ġie salvat[10], hemm qrib id-dar ta' Alla, il-verità tiġi miċħuda bil-qerq u kkundannata għax hi l-Verità.

### Qarrej

L-inġustizzja mhix biss fil-ħaqq li għamel Pilatu, mhix biss fil-għira tal-qassisin u x-xjuħ tal-poplu[11] li kollha għandhom responsabiltà individwali li ġejja mill-istat tagħhom, iżda hemm l-inġustizzja l-kbira ta' dawk li ma rraġunawx b'moħħhom iżda ingħaqdu flimkien f'ġudizzju kollettiv. "Demmu fuqna u fuq uliedna."[12] Ningħaqdu flimkien biex insallbu lill-innoċenti u neħilsu lil Barabba.

### Qarrej

L-esperjenza tal-fidi, ir-rabta tagħna ma' Alla bħala ndividwi tgħaqqadna flimkien bħala knisja biex tassew naħdmu id f'id ma' Alla għall-ġid[13]. Il-fidi tgħaqqadna ħalli jkollna l-qawwa biex l-verità tinħeles u teħles lil-bnedmin kollha.

## Skiet

### Qarrej

Għalina li niġġudikaw bla rażan u nikkundannaw bla ħniena lil ħutna minn wara dahrhom.
Mulej, ħniena.

### Ġemgħa

Mulej, ħniena.

---

[9] Danjel 13
[10] Ara Danjel 13, 62
[11] Mattew 27, 18
[12] Mattew 27, 25
[13] Ara Rumani 8, 28

Qarrej
Għalina li nikkorrompu lil xulxin bl-idejat, bil-wegħdi ta' ġid u flus biex niksbu dak li rridu u, fl-istess ħin, nikkundannaw lil min joqgħod għal dak li nixtiequ aħna.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li nibnu f'moħħna impressjonijiet mibnija fuq opinjonijiet u ma nagħtux ċans lil bnedmin ħutna jinbidlu u jimmaturaw.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għall-imħallfin li għandhom f'idejhom it-tqassim ġust tal-ħaqq.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal politiċi li għandhom f'idejhom ir-responsabiltà tat-tmexxija tal-bnedmin lejn soċjetà li tqiegħed l-ewwel il-ġid ta' min hu l-iktar batut.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li huma vittmi ta' malafami jew kalunji.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jehdew jikkundannaw bla rażan lill-oħrajn u ma jagħtux kas tad-dnubiet li jwettqu huma.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li qegħdin ibatu l-konsegwenzi ta' ġudizzji ħżiena li saru kontrihom, u għall-familji tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jiġġustifikaw l-għemil qarrieq tagħhom bil-qerq ta' oħrajn.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li jwarrbu l-verità minn ħajjithom biex jagħżlu lill-Barabba ta' dak li hu fieragħ u li jgħaddi.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li jxewxu bl-addoċċ lill-bnedmin kontra individwi jew gruppi partikulari u jnisslu l-mibgħeda kontrihom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li qegħdin ibatu minħabba l-għira.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

10. **Għal dawk li lesti jinsew il-ġid li sarilhom u jpattu bid-deni.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta’ Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta’ dnubietna agħtina.

**2**

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**U Ġesù b'dik il-kundanna**
U Ġesù, b'dik il-kundanna,
ġie afdat f'idejn l-egħdewwa
Li b'dagħdiha ta' ħruxija
kollox raw xieraq u sewwa.

Ma kinux forsi biżżejjed
dawk il-kliem iebsa w kefrin;
Hu kien lest li jsofri aktar
għall-imħabba tal-bnedmin.

Ma kinux forsi biżżejjed
dawn il-ktajjen li rabtuh,
U ix-xewk li 'l rasu kesa;
is-salib riedu jagħtuh.

U fuq l-għolja tal-Kalvarju,
Ġesù tela' għalkemm bla ħtija,
Taħt it-toqol ta' dik l-għuda,
biex jarana ilkoll mifdija.

# Ġesù mgħobbi bis-salib
**(Ħdejn it-Tejatru Rjal)**

Qarrej
Ġesù jiġi mgħobbi bis-salib li miegħu se jissammar u fuqu se jissallab. La ġie kkundannat irid iġorr il-konsegwenzi tal-kundanna li tawh, ukoll jekk bla ħtija. Min irid ikun dixxiplu tiegħu irid jerfa' salibu kuljum[14] u jimxi warajh. Ġesù jerfa' s-salib tiegħu u jimxi quddiemna. L-eżempju li jkaxkar. Il-piż ta-salib jiġbor fih il-ħtijiet kollha tiegħi u tiegħek. Il-mixja sal-Kalvarju, bis-salib fuq spallejn l-ikkundannat, ma kellhiex biss l-intenzjoni li ddgħajjef lill-ħati, iżda li tumiljah; tagħti l-

[14] Ara Luqa 14, 27

opportunità lill-folla li żżeblaħ hi wkoll lil dak li kien se jkun imsallab għal azzjonitu.

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann.[15]

U huma ħadu lil Ġesù. Ġesù rafa' s-salib u ħareġ lejn il-post imsejjaħ 'il-Qorriegħa', bil-Lhudi Golgota.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
Kull tip ta' tbatija tkissirna. Mhux biss għax inħossu l-weġgħat f'ġisimna jew fil-ħsieb tagħna; mhux biss għax tiksrilna qalbna. L-ikbar weġgħa ta' kull tip ta' tbatija hija l-umiljazzjoni li ġġib fuqna. Mgħobbi bis-salib ma nistax niċċaqlaq kif kont qabel, ma nistax nimxi bil-pass li rrid, ma nistax immur fejn irrid. It-tbatija tqegħdni f'sitwazzjoni ta' tallab. L-umiljazzjoni tiżdied ma kull pass, kif id-dgħufija tiegħi tiżdied ma' kull siegħa li tgħaddi. Il-ħin kollu nsib lili nnifsi nimxi iktar bil-mod u nħares madwari bit-tama li nsib min jgħinni, għalkemm fl-aħħar mill-aħħar naf li s-salib tiegħi irrid inġorru jien u sat-tmiem

Qarrej
Meta Ġesù kien jiġi wiċċ'imb'wiċċ mat-tbatija tal-bniedem, ħarstu kienet tmur 'il hinn minn dak li jidher. Qalbu kienet u għada tagħraf it-tbatija l-kbira, it-toqol il-kbir. Jekk l-ikbar xewqa tal-bniedem hija l-paċi u l-mistrieħ tal-qalb u l-moħħ, l-ikbar tbatija tal-bniedem ġejja minn nuqqas ta' dan il-mistrieħ. Dan in-nuqqas iseħħ meta l-bniedem ma jħossux fis-sliem miegħu innifsu, meta jonqos kontra Alla u kontra ħuh. In-nuqqas tas-sliem li l-bniedem jixxennaq għalih għomru kollu ġej mid-dnub. U għalhekk Ġesù qabel ma jfejjaq, jaħfer. Iżda lilu ma ħafrulux.

Qarrej
Il-fidi tagħna mhux biss tibdlilna l-viżjoni tal-ħtija. Alla jaħfer u jien nilqa' l-maħfra. Iżda l-fidi tagħna tgħinna nifhmu lil xulxin għax ilkoll mgħobbija bl-istess toqol u mċaħħdin mill-istess hena minħabba l-għemil dgħajjef tagħna. Il-fidi tgħinna niksbu l-umiltà li nitilfu meta niżbaljaw u nfittxu u nilqgħu bil-ferħ il-hena li nirċievu.

[15] Ġwanni 19, 16b-17

# Skiet

Qarrej
Għalina li nagħmlu minn kollox biex naljenaw ruħna mit-tbatija tagħna u ma naċċettaw qatt ir-rejaltà vera tagħna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li ma niddejqux numiljaw lil min diġa huwa mkisser billi ninjorawh jew inżebilħuh.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li naħsbu li nistgħu nitfgħu it-tort tat-tbatija li teżisti fid-dinja fuq ħaddieħor u neħilsu lilna nfusna minn kull responsabiltà biex intaffuha.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej
1. **Għal dawk li jsibuha diffiċli biex jaħfru lil min naqashom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
2. **Għal dawk li jħossuha iebsa li jaħfru lilhom infushom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li qatt ma jammettu l-iżbalji tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jħossuhom umiljati minħabba li għandhom bżonn ħaddieħor.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li jġarrbu l-umiljazzjoni minħabba l-iżbalji tal-passat tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li ma jiddejqux iwaqqgħu għaż-żeblih id-dinjità ta' bnedmin oħra.**
7.

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li, biex jilqħu l-għanijiet egoistiċi tagħhom, jimmanipulaw bla skruplu lil min hu dgħajjef.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li huma mwarrba minn kulħadd u jgħixu weħidhom in-niket tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

10. **Għal dawk li jsibuha bi tqila biex jerġgħu lura għas-sewwa.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

11. **Għal dawk li jinsabu mtaqqla, nieqsa mill-ferħ u s-sliem tal-qalb.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

# 3

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Jien naf bniedem b'saħħtu**
Jien naf bniedem b'saħħtu li jaqa' kuljum,
'Mma b'rieda qawwija kuljum jerġa' jqum.

Jien naf bniedem tajjeb li jidneb kuljum,
'Mma b'rieda qawwija iqum bla ma jdum.

Is-saħħa tal-bniedem moħbija ġo fih,
Xħin taħseb li għejja, dlonk terġa' tiġih.

Is-saħħa mir-rieda, u r-rieda bla tmiem,
Sultana tal-wisa', sultana taż-żmien.

Ruħ tiegħi imnikkta isa agħmel il-qalb,
U jekk tħossok togħtor, iftakar fit-talb.

*Hawn jien! Sawwatni, aħqarni, għakkisni, sallabni.*

## Ġesù jaqa' għall-ewwel darba
**(Ħdejn il-Knisja ta' San Franġisk)**

Qarrej
L-Evanġelji ma jirrakkuntawx li Ġesù waqa' taħt it-toqol tas-salib, iżda l-fatt li s-suldati fittxew li jgħinuh juruna li l-istat tal-ikkundannat kien dgħajjef ħafna u beżgħu li ma jwassalx biex il-kundanna sseħħ. It-toqol tal-ħajja mhux dejjem jidher. Mhux kulħadd jinduna li maġenbu hemm min hu mgħaffeġ u b'qalbu maqtugħa, min qed jibża' li ma jwassalx; min qed iħossu jaqta' lura.

Qarrej
Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.[16]

[16] Isaija 53, 2b-4

Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnieh. Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna.

Il-Kelma tal-Mulej

## Il-Ġemgħa

Irroddu ħajr lil Alla.

## Qarrej

Aħna ngħidu li s-saħħa kollox. Donna rridu nfissru li jekk is-saħħa tispiċċa ma jifdal xejn. Jekk tassew nemmnu hekk, mhux ta' b'xejn li nagħmlu minn kollox biex ngħixu f'saħħitna u nieħdu ħsieb ġisimna. U nagħmlu sew. Iżda l-attenzjoni tagħna għal saħħitna qatt ma tista' tnessina li s-saħħa tal-ġisem mhix kollox. Qatt m'għandha tnessina li l-qofol ta' ħajjitna ma nilħquhx meta jkollna ġisem f'saħħtu, iżda meta nkunu bnedmin f'saħħitna, bnedmin sħaħ. Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem[17] għax il-bniedem mhux ġisem biss. Dak jgħaddi. U la jgħaddi dak x'jifdal?

## Qarrej

Meta norbot qalbi ma' dak li jgħaddi, qalbi tgħaddi wkoll. Nista' naqa' meta nfittex dak li mhux essenzjali, dak li mhux vera bżonn, meta noħloq jew inħalli lil min joħloqli ħtiġijiet qarrieqa. Naqa' meta ngħix ħajti kollha nixxennaq għal dak li m'għandix. Naqa' meta nistenna li kollox nista nakkwista issa u hawn. Naqa' meta naħseb li l-ħajja hija sempliċiment għafsa ta' buttuna u naqa' meta naħseb li kollox idur madwari u kulħadd qiegħed miegħi. Naqa' meta naħseb li ħajti hija sempliċiment eżistenza ta' bniedem.

## Qarrej

Ġesù ħassu dgħajjef taħt is-salib u dgħajjef iżjed bl-umiljazzjoni u l-ħsieb jekk jasalx jew le, issa li s-saħħa tiegħu qed tiddgħajjef. Le mhux is-saħħa kollox, iżda r-rieda. U r-rieda ma tiġix mix-xejn u ma tiġix malajr. Ir-rieda tiġi mid-determinazzjoni mnissla fl-imħabba. Irrid nasal, iżda mhux għalija, irrid nasal għax inħobb. U l-imħabba wkoll tinħtieġ ir-rieda. Jekk ma jkollix rieda li nħobb, jekk ħajti tinbidel f'sensiela ta' tiftix għal dak li jgħaddi, jiena nsir biss strument tar-ram jew platti jċekċku[18], żarżir u storbju.

---

[17] Mattew 4,4
[18] Ara 1 Korintin 13,1

Qarrej

Ir-rabta tiegħi ma' Alla fl-esperjenza tal-fidi tgħinni mhux biss biex infittex dak li tassew iqawwini, anke meta jien dgħajjef f'saħħti, iżda wkoll tagħtini l-kuraġġ biex inħares 'il quddiem, inqum u nkompli ngħix.

## Skiet

Qarrej
Għalina li norbtu l-ferħ u l-hena f'ħajjitna ma' dak li jgħaddi.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li nippruvaw inmantnu lilna nfusna f'kollox u nwarrbu lil Dak li jagħtina l-ħajja.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li nimxu bl-aptiti u l-burdati u nistennew li d-dinja ddur madwarna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jħossu li ħajjithom hi bla skop.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li jħallu lil min jikkonvinċihom li l-ġid materjali huwa kollox.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li bi skop ta' qliegħ ta' flus iħassru l-ħsibijiet u jxekklu r-rieda tal-bnedmin.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jħossuhom dgħajfin quddiem it-tentazzjonijiet.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li jsibuha iebsa li jqumu fuq saqajhom u jimxu wara li jkunu żbaljaw.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' qtiegħ il-qalb.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li jaqtgħu qalb dawk li qed jagħmlu sforz biex jerggħu lura għas-sewwa.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li l-mard tagħhom jista' li jwassalhom għall-mewt.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li jiġu mħajra jabbandunaw lil Alla.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

**10. Għal dawk li d-diżappunti tal-ħajja jaqtgħulhom qalbhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej

Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa

Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## 4

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Bi tbatija**
Bi tbatija liema bħalha
taħt it-toqol tas-salib,
Ġesù ssokta l-mixja tiegħu
dejjem waħdu u bla ħbieb.

U hawnhekk Ġesù iltaqa'
mal-imsejkna Ommu Marija
Li ma' Binha marret taqsam
dik id-dehra ta' tbatija.

O dik l-Omm tgħidx x'niket
ħasset tara 'l Binha kollu dmija,
Imma hija x'setgħet tagħmel:
tħares lejh biss, imbikkija.

Żewġt iqlub kienu ingħaqdu,
flimkien qasmu t-tbatijiet;
B'kuraġġ aqwa Ġesù ħaddan
dak li il-Missier kien ried.

# Ġesù jiltaqa' ma' ommu Marija
**(Ħdejn il-Knisja ta' San Ġakbu)**

Qarrej
Ma nistgħux nimmaġinaw li Marija, omm Ġesù baqgħet 'il bogħod minn dak li kien qed jiġri lil binha. Kienet hemm fit-tnissil u fit-twelid tiegħu u kienet hemm matul il-ministeru tiegħu. Ma setgħetx ma tkunx hemm ukoll fil-mixja tiegħu lejn il-Kalvarju. Il-preżenza tagħha hija preżenza ta' twaħħid. Ma tista' tagħmel xejn biex ittaffi l-uġiegħ ta' binha, iżda tipprova tagħmel minn kollox biex għallinqas jaraha, għax taf li l-

preżenza tagħha tista' tqawwih fir-rieda tiegħu biex ikun qaddej tal-Mulej u biex isir minnu skont kelmtu.[19]

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Luqa.[20]

Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej!"

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej

Marija hija l-preżenza sabiħa li tagħti dawl fejn hemm id-dlam. Anke fil-ħajja ta' Ġesù. Aħna mdgħorrijin nikkontemplaw dan l-istazzjon naraw lil Marija tgħannaq lil binha mgħobbi bis-salib u s-suldati jifirduhom minn xulxin. Ma tfittixx li tgħinu, billi teħodlu s-salib. L-għan tagħha hemm, hu biex tinkoraġġih fil-ħsieb tiegħu, tqawwih fir-rabta tiegħu mar-rieda ta' Alla għalih. L-istess kif għamlet għand Eliżabetta. Ma marritx biex tgħin, imma biex twassal lil Alla u l-ferħ tiegħu.

Qarrej

Tassew hienja dik li emmnet kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej.[21] Ir-rieda ta' Marija li tkun il-qaddejja tal-Mulej, tant hija soda, li tipprova ssaħħaħha f'binha meta taf li r-rieda tista' tonqsu u d-determinazzjoni tiddgħajjef. Hija qiegħda hemm mhux biex twaqqfu jew tħajru jistrieħ, iżda biex tqawwih fil-mixja tiegħu. Hija l-omm li tinsa l-krib f'qalbha biex issaħħaħ fir-rieda lil binha ħalli jseħħ dak li jrid Alla.

Qarrej

Min jaf kemm-il darba quddiem min hu batut ma nkunx naf x'se naqbad ngħid. Min jaf kemm-il darba minħabba li nħossni skomdu quddiem it-tbatija ta' ħaddieħor nasal biex ngħid il-ħmerijiet. Marija tgħallimni nieqaf u nkun hemm biex inqawwi lil min jinsab nieqes mill-kuraġġ jew dgħajjef fir-rieda. Marija tinsab magħna wkoll, mhux biss

[19] Ara Luqa 1, 38
[20] Luqa 1, 42-45
[21] Luqa 1, 45

bħala ndividwi, iżda wkoll bħala knisja biex inqawwu qalbna quddiem il-kriżijiet li ninsabu fihom, biex ma naqtgħux qalbna iżda nkunu tassew qaddejja tal-Mulej ħalli jsir minna skont kelmtu.

Qarrej
Dan kollu seta' jseħħ f'Marija għax hija kienet l-ewwel waħda fost dawk li semgħu il-kelma tal-Mulej u għamlet dak li jrid Hu.[22] Kienet hi l-ewwel waħda li bniet ħajjitha fuq il-blat.[23]

## Skiet

Qarrej
Għalina li nibżgħu inkunu sinjal ta' tama fis-soċjetà tagħna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li nibqgħu dejjem fl-isfond quddiem it-tbatija u qatt ma nagħmlu l-pass meħtieġ biex intaffuha.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li ma naslux biex inkunu preżenza sabiħa ta' kuraġġ u determinazzjoni meta niġu mitluba nagħtu sodisfazzjon tal-fidi tagħna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej
1. **Għal dawk li jinsabu mifruda minn membri tal-familji tagħhom minħabba l-inkwiet jew nuqqas ta' maħfra.**

---
[22] Ara Luqa 8, 21
[23] Ara Mattew 7, 24ff

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
2. **Għal dawk il-ġenituri li tilfu lil uliedhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
3. **Għal dawk li għandhom membri tal-familji tagħhom morda jew qed ibatu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
4. **Għal dawk li jħossuhom neqsin mis-solidarjetà tal-bnedmin.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
5. **Għal dawk li jgħinu lil min hu batut.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li huma kawża ta' nkwiet u firda fil-familji.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li jixtiequ jgħinu iżda jħossuhom bla ħila u bla kuraġġ.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li jgħatu d-demm.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li jagħtu ħajjithom biex isewwu l-firdiet fost il-bnedmin.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

**10. Għal dawk li huma mxennqa għall-ġustizzja fid-dinja.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## 5

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Qarrej
Nilqgħu issa fostna x-xbieha mirakoluża ta' Kristu Msallab li se jseħibna tul il-bqija tal-mixja tagħna miegħu.

Kor
**O ras ta' Kristu mbierka**
O ras ta' Kristu mbierka,
imdawra bl-eħrex xewk.
Bis-swat u l-bżieq midruba,
jaħasra kemm baxxewk.

Kif mietet dik il-ħeġġa
mill-ħarsa ta' għajnejk.
Kif għebu l-ħajr u l-glorja
fil-ħofor ta' ħaddejk.

Dan ġismi, laħam dgħajjef,
ħallini nsallbu qrib,
Biex fija tkompli l-fidwa
mibdija fis-salib.

U meta jkun imnaddaf,
ħallini nkompli nżid
Fost ħuti din is-saltna
ta' mħabba barka w ġid.

O ragħaj ta' ħniena kbira,
nitolbok tinsinix.
Jekk qatt nitbiegħed minnek,
nintilef tħallinix.

U meta l-mewt iżżurni,
nitolbok ejja qrib,
Sabiex din l-art inħalli
imgħannaq mas-salib.

Qarrej
**Nitolbu flimkien it-**
**TALBA LIL ĠESÚ MSALLAB**
Hawn jien, O Ġesú maħbub tiegħi,
mixħut għarkubbtejja quddiemek.
Nitolbok, bl-akbar ħrara li tnissel fil-qalb tiegħi
sentimenti ta' fidi, tama u mħabba l-aktar qawwija
kif ukoll indiema kbira ta' dnubieti
u fehma sħiħa li ma noffendik qatt iżjed.
Filwaqt li jiena, bl-imħabba u bil-ħniena kollha,
sejjer naħseb fuq il-ħames pjagi tiegħek,
b'dak il-kliem quddiem għajnejja li qal fuqek il-profeta David:
"Nifduli idejja u riġlejja: għaddewli għadmi kollu."

Il-Kor
**Inti li inti midneb**
Inti li inti midneb oqgħod għarkupptejk.
Ħares ftit madwarek, ara min hu għaddej.
Għaddej Ġesù l-Feddej liebes libsa ta' kuljum.
Issa jgħaddi bil-bagalja w issa jgħaddi bis-sellum.

Inti li inti midneb oqgħod għarkupptejk.
Ħares ftit madwarek, ara min hu għaddej.
Għaddej Ġesù l-Feddej għall-Kalvarju ta' kuljum.
Bis-salib li hu l-bagalja , bis-salib li hu s-sellum.

Inti li inti midneb oqgħod għarkupptejk.
Ħares ftit madwarek, għaddej Ġesù l-Feddej.

Trid tkun int iċ-Ċirinew u jekk jaqa' tgħinu jqum;
Tgħinu jerfa' dil-bagalja, tgħinu jerfa' das-sellum.

*Hawn jien! Sawwatni, aħqarni, għakkisni, sallabni.*

# Ġesù mgħejjun minn Xmun iċ-Ċirinew jerfa' s-salib

**(Ħdejn in-Niżla tal-Ganġ.**
**Ħruġ tal-Kurċifiss mirakoluż ta' Ġieżu)**

Qarrej
Lil dan nafuh. Ħaddiem li għadu ġej mix-xogħol ma' wliedu, Xandru u Rufu. Dawn joqgħodu ħdejna, tlieta minna. Raġel tal-familja li forsi nġibed mill-kurżità, jew inkella, li bilfors kellu jgħaddi minn hemm u sab

ruħu fil-folla u r-rassa. Diġa mgħobbi, bl-għodod tax-xogħol u bir-responsabità ta' wliedu. Sejjer lejn il-kwiet ta' daru biex iħejji ħalli jiċċelebra l-Għid. Iżda kellu jkun xort'oħra.

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Mark.[24]

U ħaduh 'il barra biex isallbuh. Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba', u ġagħluh jerfagħlu s-salib. U wassluh f'post jismu Golgota, li jfisser post il-Qorriegħa.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
Donnu l-voluntiera ma kienux moda dakinhar. Ħadd ma ried jittebba mill-ħtija tal-ikkundannat. Ħadd ma ried jitniġġes qabel il-festa tal-Għid. Ħadd ma rrejalizza li l-Għid kien qed iseħħ dak il-ħin, u li l-għemil li kien qed iseħħ mhux biss ma jtebbax, talli jsaffi minn kull teba'. U f'moħħ Xmun elf ħsieb. X'se jsir minn uliedu sakemm iwettaq dak li qabbduh biex jagħmel? Mhux ta' b'xejn jirreżisti. Ġie mgiegħel.

Qarrej
Il-ħarsa ta' Ġesù niffieda. Mhux għax tnissel sens ta' ħtija iżda għax tqanqal il-ħniena. F'għajnejh tidher l-imħabba li tqawwi r-rieda anke ta' min għall-ewwel ma jridx. U Xmun jersaq u ħarstu tiltaqa' ma' ħarset Ġesù; wiċċ'imb'wiċċ mal-Għid veru. Il-ħarsa tal-ħaruf lest għall-qatla tiltaqa' mal-ħarsa ta' min se jieklu biex jiċċelebra l-ħelsien. U Xmun jiddeċiedi li jissieħeb fil-ġrajja u jkollu sehem mill-frott tagħha.

Qarrej
Quddiem is-sitwazzjonijiet li nsib ruħi fihom fejn niġi wiċċ'imb'wiċċ ma' rejaltajiet li jkexkxuni, ħsiebi jdur lejn Alla u nirringrazzjah li jien minix daqshekk sfortunat. Kuntent jien u l-familja tiegħi, kuntent kulħadd. Li ndaħħal idi fil-but u ngħin lil min ma nafux hija ħafna iktar sempliċi milli rrid inħabbat wiċċi mat-tbatija ta' min hu qrib tiegħi, u miegħi erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. U kultant ikolli nagħmel dak li ma rridx. It-tbatija tħarbatli ħajti, il-pjanijiet u l-aspirazzjonijiet kollha tiegħi. Ara dan x'kelli x'nambih!

[24] Mark 15, 21-22

Qarrej

X'jiena ngħid? Jekk ħija qed ibati, kif ma nbatix jien ukoll miegħu? Ma nixtieqx li jbati miegħi meta nkun mgħakkes jien! Ir-rabta tiegħi ma' Alla tgħinni nara fejn il-moħħ jgħidli ma nħarisx, fejn is-soċjetà tgħidli li m'hemm xejn, biex nibqa' għaddej. Huwa Alla u r-rabta tiegħi miegħu li ma tħalli lil ħadd iġiegħelni nsir ħaġa waħda ma min ibati, iżda tqanqalni biex minn rajja nagħti sehemi ħalli l-frott jikber u jkun ikel u duwa.

## Skiet

Qarrej

Għalina li ndawru wiċċna n-naħa l-oħra quddiem it-tbatija tal-bniedem.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li lesti nerfgħu salib ħaddieħor imma mhux lesti li ngħinu lil ħaddieħor iġorr is-salib tiegħu.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li nqisu u nkejlu ħafna qabel ngħinu lil ħaddieħor, filwaqt li nistennew li ħaddieħor jgħinna mill-ewwel.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa

Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jħallu kollox biex jgħinu lil min hu fil-bżonn.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li jibżgħu iħarsu f'għajnejn Ġesù biex jaraw xi jrid minnhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li huma mgħobbijin bit-toqol tal-kura kontinwa ta' min hu batut.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li huma morda u dawk li jieħdu ħsiebhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li jagħtu eżempju tajjeb billi ma jiddejqux jagħmlu il-ġid.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li ma jsibux ħin għall-familji tagħhom minħabba x-xogħol.**

7.

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li jġiegħelu lil ħaddieħor jaħdem u huma m'humiex lesti jmissu xejn b'idejhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li jgħaddu ħajjithom jikkritikaw mingħajr ma huma lesti jagħmlu xejn biex itejbu l-ħajja.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

10. **Għal dawk li jippreferu jibqgħu jħarsu biex ifarfru r-responsabiltà.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

11. **Għal dawk li jħennu billi jaħfru u jagħdru.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

**6**

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Minn qalb il-folla**
Minn qalb il-folla u r-rassa kollha,
Fost tant kefrija, qalb tant ħruxija;
Nibtet qalb waħda biss mit-tajbin
Li taf dejjem tħenn għall-imsejknin.

"Dik min hija?" bdew jistaqsu.
"Xinhi tagħmel riesqa ħdejh?
Dik x'fettlilha għax m'għamlitx bħalna,
Qagħdet hawn inħarsu lejh?"

Kienu bnedmin jafu 'l xulxin.
Il-kotra bidlet l-imħabba, il-ħniena:
Fil-biża' fiergħa, fi qlub għajjiena.

"Ejja ħdejna, O Veronika,
ibża għal ġieħek, toqgħodx tħenn:
Neħħi il-mantar minn idek,
ejja ħdejna għall-wens u l-kenn."

## Veronika tixxotta l-wiċċ ta' Ġesù

**(Ħdejn il-Knisja ta' San Pawl Nawfragu)**

Qarrej
Jekk Xmun kien imġiegħel, din il-mara ma tat kas ta' ħadd ħlief tar-raġel batut li kien miexi mgħobbi bis-salib. Ratu batut u ratu fil-bżonn. Ma kejlitx, ma qieset xejn ħlief il-ħtiega tiegħu. Aħna drajniha tiġri bil-velu f'ida b'wiċċ Ġesù stampat fuqu. Donna ma kellix x'tagħmel ħlief hekk. Ma nafux marritx apposta. Ma nafux inzertatx hemm b'kumbinazzjoni. Nafu biss li ħatfet l-opportunità, użat il-mezzi li kellha u ppruvat ittaffi t-tbatija li rat, kien min kien.

Qarrej
Qari mill-Ktieb ta' Ġuditta.[25]

Malli raw kif tbiddlet f'wiċċha u lbiesha, baqgħu mistagħġba għall-aħħar bi ġmielha u qalulha: "Jalla jagħtik ir-riżq Alla ta' missirijietna, u jwettaq ħsibijietek għall-glorja tal-poplu ta' Iżrael, u l-foħrija ta' Ġerusalemm."

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
Il-mara li ħennet għal Ġesù wkoll baqgħu mistgħaġba biha. Il-ħniena li ħasset inbidlet f'kuraġġ u ma bagħqetx lura. Min jaf kemm kien hemm min tħassru iżda ma għamel xejn. L-eroiżmu ta' din il-mara hu li sfidat kull drawwa u tradizzjoni u ndaħlet fejn tissogra. Ma qisitx lilha nnfisha jew dak li seta' jiġrilha. Indunat li setgħet tagħmel xi ħaġa u għamlitha. Għamlet dak li ma kienx jiswa f'għajnejn il-bnedmin, iżda li kellu valur kbir għall-bniedem batut miexi f'dik ix-xemx, se jaqa' u ma jaqax.

Qarrej
L-għemil tagħha jibqa' jitfakkar għax m'għamlitx dak li għamel ħaddieħor, ma ħallietx lilha nnfisha titkaxkar mill-kurrent. Kellha l-ħila taqdef kontra, l-istess kif ħafna drabi għamel Ġesù stess.

Qarrej
U jiena dejjem b'xi skuża, għax "qatt ma sar hekk", jew "dejjem hekk għamilna". Li sar fl-imgħoddi kien tajjeb għall-imgħoddi, u ta' min ifaħħru għax kien tajjeb. Iżda llum irrid niftaħ għajnejja għal tajjeb ieħor li qiegħed quddiemi, u li minħabba li l-ħin kollu nħares lejn x'għamilt il-bieraħ, nispiċa ma narah qatt.  Nispiċċa nagħmel it-tajjeb li sar il-bieraħ li llum ma jiswa għal xejn, biex ma nagħmilx dak li hu tajjeb u li jiswa illum.

Qarrej
Għalhekk il-fidi hija l-għajn ta' viżjoni ġdida. Alla l-ħin kollu jnebbaħni biex nagħarf x'inhu ta' ġid illum, x'jiswa llum. Hu stess idawwalni biex miegħu nagħarf is-sinjali li jibgħatli ħalli ngħix illum. Jurini li ma nistax ngħix il-bieraħ għax il-bieraħ għadda; jurini li ma nistax

[25] Ġuditta 10, 7-8

ngħix għada, għax għada għadu mhux magħruf; jurini li rrid ngħix illum bl-opportunità li nagħmel il-ġid illum, għax illum qed ngħix.

## Skiet

Qarrej
Għalina li nħobbu nintilfu fil-passat glorjuż ta' missirijietna u m'aħniex lesti li nagħmlu bħalhom u nibdlu għall-aħjar żmienna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li l-ħin kollu noħolmu kif għandu jkun aħjar għada u ninsew li qed ngħixu llum, bl-opportunità li nibdlu ħajjitna, ħalli għada jkun mibni fuq sisien sodi.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li dejjem inħallu f'idejn ħaddieħor dak li għandu jsir għall-ġid.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jisfidaw id-drawwiet u l-konvenzjonijiet qodma biex jagħmlu l-ġid.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li lesti jissugraw ħajjithom billi jissieħbu ma' min hu fqir u batut.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li huma preġudikati kontra min jaħsbu li ma jistax ikun bniedem fl-aqwa tiegħu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jbatu iżjed minħabba li meta jftittxu l-għajnuna jsibu bibien imsabbta f'wiċċhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li mhumiex sensittivi għat-tbatija tal-oħrajn.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jġibu 'l quddiem id-dinjità tal-bniedem, b'mod speċjali tal-fqir u l-batut.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li dejjem lesti jaqdu u mhux ikunu modqija.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li jgħixu ħajjithom skont dak li jrid Alla minnhom biex ikunu tassew xbieha ħajja ta' Kristu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li ma jemmnux fil-ħniena ta' Alla.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

**10. Għal dawk li huma mwarrbin fil-ġenb għax meqjusa bla ħila.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## 7

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Taqtax qalbek**
Taqtax qalbek, Ġesù Kristu,
itla' t-telgħa tas-salib.
Taqtax qalbek, dalwaqt tasal,
il-Kalvarju issa qrib.

*Ma niflaħx, kemm jien batut,*
*qed inħossni ser immut.*
*Jien imxejt mat-toroq tagħkom,*
*ta' kulħadd kont il-ħabib,*
*U araw biex ħallastuni,*
*għabbejtuni b'das-salib.*

Taqtax qalbek għax dalwaqt
tiġi l-fidwa li tant xtaqt.

*Tqila t-triq, imma wisq itqal*
*id-dulur tat-tradiment.*
*Tqila t-triq, u qed inħossni*
*sejjer naqa' kull mument.*

Taqtax qalbek, qiegħed qrib
lejn il-Fidwa tas-Salib.

# Ġesù jaqa' għat-tieni darba

**(Wara s-Suq tal-Belt)**

Qarrej
Waqa' oħra f'nofs il-mixja. It-tmiem jidher qrib għal min hu f'saħħtu iżda għal min hu batut jidher tassew fil-bogħod. Il-mixja twila u l-għajjat tal-folla idamdam fil-widnejn ta' min iħares lejn it-tmiem ta' dalwaqt. Jistordik u jitilfek minn sensik. Tixtieq tagħmel xi ħaġa biex turihom li dak

li qed jaraw mhux minnu. Ġesù ġarrab hawnhekk ukoll it-tentazzjoni li jagħmel minn kollox biex jeħles minn dak is-saram.

Qarrej
Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.[26]

Aħna ħsibnieh bħal wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn. Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna. Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll. Ħaqruh, u hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
Irroddu ħajr lil Alla.

Qarrej
"Kollha nagħtihomlok, jekk tinżel tadurani."[27] Hija tentazzjoni kbira għal Ġesù biex jurihom dak li tassew kien qiegħed jiġri. Iqum u jurihom minn tassew hu, kif wera lid-dixxipli fuq it-Tabor. Hemmhekk ma jgħajtux iktar kontrih. Hemmhekk kienu jitwerwru bil-biża'. Iżda t-tentazzjoni hija ikbar minn hekk. Juri minn hu imma jċedi l-libertà tiegħu lil dak li ried ibiegħedu minn Alla u r-rieda tiegħu; lil dak li kellu interess speċjali biex ir-rieda ta' Alla ma sseħx

Qarrej
Iżda Ġesu jaf lil Alla biss tadura u lilu biss taqdi. X'inhu l-iktar importanti li tagħmel li trid int u li jridek tagħmel ħaddieħor, jew li tagħmel ir-rieda ta' Alla? Ħafna drabi nsib ruħi naħseb biex niddeċiedi x'se nagħmel, x'inhu l-iktar importanti. Tiġri lili u tiġri lill-Knisja. Tiġri fil-komunitajiet tal-fidi tagħna. Ħafna drabi nispiċċaw nemmnu fina nfusna u fil-ħiliet tagħna u nwarrbu għal kollox it-twemmin tagħna f'Alla li jista' kollox. Nibdew naduraw lilna nfusna u l-għemil ta' jdejna.

Qarrej
Meta jiġrilna hekk inkunu qed inċedu l-libertà tagħna lil dak li għandu għan wieħed: jitfi lil Alla minn ħajjitna, anke bħala knisja. Inkunu nwarrbu r-rieda ta' Alla u nibdluha bir-rieda tagħna. Ma nistax ngħix ir-rieda ta' Alla bil-ħila tiegħi. Ma nistax insir nixbaħ lil Kristu bir-riżorsi

[26] Isaija 53, 4-7
[27] Mattew 4, 9

limitati u bir-raguni mġarrba tiegħi.  Ma nisatx nemmen f'Alla li jaħsibha bħali. Iżda rrid nemmen f'Alla li jgħinni naħseb kif jaħseb hu. Hekk biss inkun nista' ngħix kif jgħix hu.

Qarrej

Alla jirrispetta l-libertà tiegħi. Ħaddieħor irid jiddeċiedi għalija u jeħodhieli. Jekk jien ninsab marbut tassew ma' Alla se nkun ħieles biex nara lil hinn minn dak li jaraw il-bnedmin. Hemmhekk ikolli l-ħila nara lil hinn mis-salib wieqaf fuq il-Kalvarju.

## Skiet

Qarrej

Għalina li spiss nintrikbu mill-ideja li biex nuru qawwietna irridu nkun aqwa minn ħaddieħor.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li nċedu malajr għall-ġibda li nkunu konformi biex ma nidhrux strambi jew barranin.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li nilqgħu il-ħażen u d-dgħufija daqs li kieku kollox huwa mitluf.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa

Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art.  Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni.  Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jaħkmu bla rażan u bla skruplu fuq l-oħrajn.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li jużaw is-setgħa afdata f'idejhom biex jagħmlu d-deni.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li jċedu l-libertà tagħhom li jiddeċiedu u jsiru lsiera ta' dak li jaħsbu li se jagħtihom sodisfazzjon immedjat.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jaqtgħu qalbhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li huma mjassra mill-vizzji.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jgħinu lil min qata' qalbu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li jibżgħu isemmgħu leħinhom kontra min juża s-setgħa ħażin.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li jħarsu lejn l-awtorità li għandhom bħala servizz.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li jbatu bl-effet ta' gwerer u tilwim politiku.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

**10. Għal dawk li jinsabu mgħakksa minħabba l-abbuż tas-setgħa.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

# 8

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**O nisa ta' Ġerusalemm**
*O nisa ta' Ġerusalemm*
*li qed titwaħħxu b'dan id-demm.*

La tibkux lili,
ibku lilkom u 'l uliedkom.

*Ftit ieħor u jien ngħaddi 'l hemm,*
*u intom tibqgħu f'dan il-hemm.*

La tibkux lili,
ibku lilkom u 'l uliedkom.

*Jien qed inġorr salib illi mhux tiegħi.*
*Id-dnub li qed inħoll ma twelidx miegħi.*

La tibkux lili,
ibku lilkom u 'l uliedkom.

*Intom titkexkxu għax taraw id-dmija.*
*Aħjar tistaqsu ta' min hija l-ħtija.*

La tibkux lili,
ibku lilkom u 'l uliedkom.

*U la toqtluni ma rridx dmugħ, anqas kuruni.*
*Aħjar tagħrfuni w tibqgħu tiftakruni.*

La tibkux lili,
ibku lilkom u 'l uliedkom.

*Jien qiegħed nagħmel dak li ried Missieri.*
*Nixtieqkom tifhmu naqra x'jiġifieri.*

La tibkux lili,
ibku lilkom u 'l uliedkom.

# Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm
**(Ħdejn il-Knisja ta' San Duminku)**

Qarrej

Min jaf x'ġiegħel lin-nisa ta' Ġerusalemm joħorġu jibkuh! Forsi kienu fost il-ftit li ftakru fi kliem u f'għemilu? Min jaf! Kienu hemm jibku u jħabbtu fu sidirhom. Forsi ftakru fi kliemu meta beka fuq Ġerusalemm.[28] Ma rawx futur sabiħ għal uliedhom. Kienu qiegħedu t-tama tagħhom fih kif immaġinawh huma, kif ħasbu li kellhom bżonn huma. Immaġinaw li kien qed joffrilhom sigurtà f'sitwazzjoni mwiegħera. Ħasbu li seta' jagħtihom lura l-ħelsien li xtaqu huma.

Qarrej

Qari mill-Evanġelju skont San Luqa.[29]

Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!" Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!' Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?"

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa

It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej

Tħassruh u bkew. Il-bekkejja u n-newwieħa. Tgħid kienu mħallsin biex jibku xortih? Hu xinhu l-fatt jidher ċar li Ġesù mhux imqanqal mill-ħasra. Ir-rejatà hi dik li hi u Ġesù, anke f'dan il-mument ta' tbatija, ma jaħbix ir-rejaltà, ma jibżax juri l-verità. Il-fantasija u d-devozzjonaliżmu jistgħu jgħinuna nserrħu l-kuxjenza tagħna, iżda ma jiswew xejn biex jibdluna f'dak li Alla jrid minna.

Qarrej

Jien ukoll nintilef f'ħafna devozzjonijiet u fantasiji li nfassal għalija nnifsi. Dan il-kliem ta' Ġesù jista' jkun indirizzat lejja anke issa stess li qed nitlob din il-*Via Sacra*. Jekk jien qiegħed hawnhekk sempliċiment għax

[28] Mattew 23, 37 ff

[29] Luqa 23, 28-31

nitħassru, posti mhux warajh. Jekk jiena matul il-jiem li ġejjin se nkun nagħmel dak li għamilt dejjem mingħajr ma nħallih jibdilli imqar rokna ċkejkna minn ħajti, ma jkun jiswili xejn. Nibqa' nerfa' salibi, mhux warajh imma quddiemu.

Qarrej

Spiss insibu lilna nfusna nisimgħu l-Kelma ta' Alla u nħossuha tmissilna qalbna. Togħġobna u għal ftit jiddidpjaċina li ma għarafnihiex qabel. Jista' jkun li għarafnieha iżda ma tajniex kasha. Għoġbitna imma ħassejniha iebsa wisq. Jista' jkun li l-uniku suġġeriment li nilqgħu mingħand Ġesù meta nħossu l-isfida tiegħu, hu li nitilqu aħna wkoll[30] u nfasslu reliġjon li tiġina.

Qarrej

Il-fidi tagħna mhix fidi tal-logħob. Mhix logħba li xħin ikollna aptit nilgħabu u xħin niddejqu nitilqu. Nilgħabu biss sakemm nieħdu gost. Kif ma nieħdux gost jew nixbgħu, nibdew ingergru u neqirdu, nitħassru lilna nfusna u nqarrsu wiċċna quddiem dan Alla li jistenna żżejjed. Il-fidi tiegħi hija l-istess ħajja ta' Alla li f'imħabbtu qed jistedinni biex ngħix. Mhux talli m'għandix għalfejn nibki. Talli għandi tassew għalfejn nifraħ u nithenna

## Skiet

Qarrej

Għalina li nfasslu reliġjon li tiġina u nagħżlu x'nemmnu mill-Kelma tiegħek.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li nintilfu ħafna fl-emozzjonijiet tal-mument u wara ninsew kollox.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li ma nagħrfux ir-rejaltà vera tagħna u nippreferu ngħixu f'dinja ta' fantasija.
Mulej, ħniena.

---

[30] Ara Ġwanni 6, 67

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jibżgħu jiffaċċjaw ir-rejaltà tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li jitakxkru mill-emozzjonijiet.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li jgħixu ħajja tajba għal wiċċ in-nies.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li għandhom għal qalbhom il-ġid ta' wliedhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li huma responsabbli mill-formazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li għandhom għal qalbhom is-sejħa ta' Alla u jippruvaw jgħixuha.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li Alla jsejjaħ biex jimxu fuq il-passi ta' Ibnu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li ma jaqtgħux qalbhom quddiem il-problemi u l-inkwiet.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li għandhom bżonn il-kuraġġ biex jieħdu iktar bis-serjetà il-ħajja li Alla qed jipproponilhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

10. **Għal dawk li tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## 9

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Naqra oħra w wasal**
Naqra oħra w nasal, Missieri stennieni,
Naqra oħra w nasal lejn xewqtek qalbieni.

*Missier x'sejjer nagħmel, il-quċċata qrib.*
*Biss saħħti iġġarfet għax tqil is-salib.*

Naqra oħra w nasal, Missieri stennieni,
Naqra oħra w nasal lejn xewqtek qalbieni.

*U hafna qed jgħidu li l-ħtija hi tiegħi.*
*Min sejjer jgħini? Missier, ibqa' miegħi.*

Naqra oħra w nasal, Missieri stennieni,
Naqra oħra w nasal lejn xewqtek qalbieni.

*Agħtini l-għajnuna li nqum minnufih*
*U għar-rieda tiegħek nintreħa bis-sħiħ.*

Naqra oħra w nasal, Missieri stennieni,
Naqra oħra w nasal lejn xewqtek qalbieni.

# Ġesù jaqa' għat-tielet darba
**(ħdejn il-Knisja tal-Ġiżwiti)**

Qarrej
L-aħħar ftit passi ta' Ġesù sa ma jilħaq il-quċċata tal-Kalvarju, huma tkaxkira waħda. Is-saħħa ħallietu. Ir-rieda sħiħa biss tmexxih. Jaqa' għat-tielet darba b'tisbita. Jitmiehek fit-trab. Jipprova iserraħ fuq idejh biex iqum u jerġa' jistabat mal-art. Wiċċu miksi demm u għaraq u dmugħ. Kollox jgħaqad flimkien. Maħkum mill-għejja u mill-għatx. Iżda jrid jasal

Qarrej
Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija.[31]

Bħalma ħafna ndiehxu minnu, - għax wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem, u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem - hekk għad jistagħġbu ħafna ġnus minħabba fih.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
Irroddu ħajr lil Alla.

Qarrej
Iktar kemm jgħaddi l-ħin iktar qed nidħlu fil-qalba tal-misteru li qed ngħixu, għax ma hux biss il-misteru tiegħu iżda l-misteru tagħna wkoll. U aħna wkoll ningħaqdu mal-qassisin il-kbar u x-xjuħ u ngħidulu biex issa jieqaf. Jeħles lilu nnifsu u nemmnu. Issa biżżejjed, inħossu li rridu ngħidulu f'qalbna. Qum fuq saqajk u qisu qatt ma ġara xejn. Jekk tagħmel hekk nemmnu iżjed. Anzi nċapċpulek ukoll.

Qarrej
Aqbeż minn fuq it-tempju ħa jarawk u jemmnu. Dan kif m'għadekx tagħmel għeġubijiet illum ukoll? Taf li d-dinja ta' żmienna trid il-provi, trid tara, trid l-ispettaklu, l-istraordinarju. Qed tiddiżappuntana! Tridna nemmnu jew le? Tridna nafdawk jew le? Tridna nwassluk lill-bnedmin, iżda qatt ma tagħmel xejn biex tiġbidhom lejk.

Dawn huma ħsibijiet perikolużi, iżda rejali. Hemm min jixtiequ jidher fil-glorja liebes fin u fuq it-tron u min iridu liebes imċerċer jitmiegħek fit-tajn u t-trab fil-għaks.

Qarrej
Liema wieħed Int Mulej? L-istraordinarju tiegħu ma jinsabx fil-mod kif jidher jew f'dak li jagħmel. L-istraordinarju tiegħu jinsab fl-intenzjoni li jwettaq dak li ġie mibgħut biex jagħmel b'imħabba kbira.

Qarrej
Kemm niżbaljaw meta nimmaġinaw lil Ġesù kif irridu aħna u nlibbsuh skont kif jogħġobna. Hu jrid jurina min hu bil-mod kif qalilna li jixtieq ikun. M'hemmx imħabba ikbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal min iħobb.[32] Dan hu li tassew hu. Il-mewt hija esperjenza li tbeżżana,

[31] Isaija 53, 14-15
[32] Ġwanni 15, 13

twerwirna. Imma l-mewt bħala għotja hija l-qofol tax-xebħ tagħna mal-Iben ta' Alla. U dan li hu ried jasal għalih, u għalhekk ġabar l-isforzi kollha li kien fadallu biex qam, ħalli jkompli u jasal fejn laħaq il-milja tiegħu

## Skiet

Qarrej
Għalina li nippruvaw inpenġuk b'mod li naħsbu li tista' tingħoġob mal-bnedmin.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li nħarsu lejk u narawk kif jaqbel lilna.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li nippruvaw inlibbsu l-Kelma tiegħek skont il-moda ta' żmienna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jgħixu l-fidi tagħhom kif jaqbel lilhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li huma fidili lejn il-Kelma ta' Alla.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li jgħixu bl-umiltà.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jfittxu li iktar jogħġbu lill-bnedmin milli lil Alla.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li jużaw il-Kelma ta' Alla bħala għodda biex jimbuttaw lilhom infushom 'il quddiem f'għjnejn il-bnedmin.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jixtiequ jqumu fuq saqajhom mill-ħajja tad-dnub.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
7. **Għal dawk li qed iħejju ruħhom biex jirċievu l-Magħmudija.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
8. **Għal dawk li, għalkemm qed jgħixu rejaltajiet diffiċli, majaqtgħux qalbhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
9. **Għal dawk li jħossu l-bżonn li jduru lejn Alla fis-Sagrament tal-Qrar.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
10. **Għal dawk li jinkoraġġixxu lil min irid iqum fuq saqajh u jimxi.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## 10

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b’salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Kif wasal fuql-għolja**
Kif wasal fuq l-għolja,
fil-post li ħejjewlu,
Qabduh taħt idejhom,
u ħwejġu neħħewlu.

Kien hemm min warrab
għax beża’ mill-hemm,
Tkexkex xħin lemaħ
il-pjagi bid-demm.

Dan huwa l-Ġisem
ta’ Kristu l-Feddej.
Jekk int qalbek safja,
ersaq lejh, tibża xejn.

Kien hemm min staħa
u warrab it-tfal,
Għaliex ħa skandlu
mill-kliem baxx li ntqal.

Dan huwa l-Ġisem
ta’ Kristu l-Feddej.
Jekk int qalbek safja,
ersaq lejh, tibża xejn.

Kien hemm min stagħġeb
għax rah bħall-oħrajn;
Qal “Dan mhux ħlief ġisem
magħmul bħalna mit-tajn.”

Dan huwa l-Ġisem
ta’ Kristu l-Feddej.
Jekk int qalbek safja,
ersaq lejh, tibża xejn.

# Ġesù mneżżaʼ minn ħwejġu
## (Ħdejn il-Knisja tal-Griegi Kattoliċi)

Qarrej

Ma fadal xejn dinjità ħlief l-ilbies taʼ fuqu. San Ġwann jgħid li kienet libsa minsuġa ħaġa waħda minn fuq sʼisfel donnu biex turina l-ħajja kollha taʼ Ġesù. Ma fihiex qsim jew ħjata. Nisġa waħda minn fuq sʼisfel. Qatt ma tqattgħet u ma kienx fiha rqajja jew żjidiet. Minsuġa ħaġa waħda mal-ħajja tiegħu. U din issa qed titneħħilu u Ġesù jidher fl-għera tiegħu. Imneżża jidher kif inhu. Bla ħabi taʼ xejn. Ir-rejaltà tidher kif tassew hi. Dan bniedem, iżda bniedem li għex bħal-libsa tiegħu bʼmod sħiħ.

Qarrej

Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann.[33]

Is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh fʼerbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq sʼisfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: "Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha." Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, ʻĦwejġi qasmu bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti.ʼ U dan tabilħaqq għamluh is-suldati.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa

It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej

Quddiemna jidher imneżża minn kull ma għandu bħala bniedem. Ifakkarna fil-ħolqien meta Alla ħalaq il-bniedem xbieha tiegħu innifsu. Iżda hawn ix-xbieha donna tidher imċajpra. Għallinqas kif narawha aħna. Ma nimmaġinawx lil Alla fʼdik is-sura. Iżda Ġesù li kien hemm mill-bidu, anzi minn dejjem[34], fl-għera tiegħu jidher liebes il-libsa tal-bniedem fl-agħar tiegħu, meta jkun l-iktar mgħakkes u mkasbar u mżeblaħ. Hemm hu maħluq xbieha tagħna kif aħna maħluqin xbieha tiegħu.

Qarrej

Dan hu l-aħħar pass qabel jiftaħ idejh fuq is-salib. Għalkemm fʼgħajnejn il-bnedmin jidher umiljat u mżeblaħ, fʼgħajnejn min jemmen jidher riesaq lejn l-għan tiegħu. Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u

---

[33] Ġwanni 19, 23-24
[34] Ara Ġwanni 1, 1-5

tmut tibqa' weħidha, iżda jekk tmut tagħmel ħafna frott.[35] Qiegħed jaqa' fl-art bil-mod il-mod, ineħħi dak kollu li jgħattih bħala bniedem u jżommu mal-ħajjin, biex issa jingħaqad mal-bniedem fl-aħħar tarġa tiegħu, il-mewt.

Qarrej

Nistkerrħu l-għera tiegħu għax nibżgħu mill-għera tagħna. L-għera turik kif int, mingħajr aċċessorji li jibdlu d-dehra tiegħek. Il-għera tikxfek x'int u tneħħi għal dejjem dak li tipprova tkun. Tikxef il-ħsibijiet moħbija tiegħek, ix-xewqat. L-għera ta' qabel il-mewt tfakkarna li issa ma fadal xejn ma xhiex inqabbdu difrejna biex nibqgħu hawn. Issa fadal biss aħna b'dak kollu li aħna, u dak li aħna huwa dak li sirna. Hu sabiħ fl-għera tiegħu, fil-miżerja tiegħu, fit-tbatija tas-swat tiegħu, għax jurina dak li sar. Bl-għera tiegħu qed jgħidilna: hekk jien għax hekk ridt inkun; ħuduni kif jien.

Qarrej

Hemm dawl għal min jemmen. Id-dawl li jneżżana mid-dlam li jirnexxilna nxiddu fuqna matul is-snin biex nirriflettu x-xbieha ta' dak li mistednin inkunu.

## Skiet

Qarrej

Għalina li napprezzaw ġisimna biss għal dak li kapaċi jagħmel.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li nħarsu lejn il-ġisem tal-bniedem bħala mezz ta' sodisfazzjon personali.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li nkasbru d-dinjità li libbistna biha meta ħlaqtna xbieha tiegħek.
Mulej, ħniena.

[35] Ġwanni 12-24

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jaħdmu bla ma jistrieħu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li jaħsbu li l-bniedem jiswa biss daqskemm għandu ħila jagħti.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li jiġu abbużati sesswalment.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jabbużaw sesswalment minn bnedmin oħra.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li jieħdu ħsieb saħħitna.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li ma fadlilhom ebda dinjità.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li jużaw ġisimhom għall-qliegħ tal-flus minħabba l-kundizzjonijiet soċjali tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li jħajru lil min jidneb bil-ġisem tiegħu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li huma mkasbra minħabba d-dehra fiżika tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

10. **Għal dawk li ma japprezzawx id-dinjità li Alla libbishom biha.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Isspirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

**11**

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**"Salbu! Salbu!" il-kotra għajtet**
"Salbu! Salbu!" il-kotra għajtet,
"Salbu qalb il-ħallelin.
Isa ħej, jgħajjat lill-anġli
u tarawhom meħlusin."

Salbu! Salbu!" Il-kotra għajtet,
"Tafdawh xejn, żommuh marbut.
Sammruh sewwasew bl-imsiemer,
hekk jixraqlu r-re tal-Lhud."

Int Ġesù, Alla setgħani,
bqajt hemm fuq u naf il-għala.
Għax żammitek dik l-imħabba
li fid-dinja ma hawnx bħalha.

La tgergira w la theddida
ma lissint kontra dan-nies.
Biss int tlabt għall-maħfra tagħhom.
Dan għamilt, u dana biss.

# Ġesù msammar mas-salib
**(Misraħ San Ġorġ)**

Qarrej
Il-mod kif Ġesù twaħħal mas-salib mhux ċert. Iżda li aħna ċerti minnu hu li ssammar bl-imsiemer b'idejh miftuħin u b'riġlejh fuq xulxin. L-imsiemer jissammru fil-laħam bejn il-għadam għal ġol-injam biex l-ikkundannat ma jkunx jista' jiċċaqlaq. Meta jintrefa' wieqaf, il-ġisem bil-piż tiegħu jiġbed fuq l-idejn u jagħfas fuq is-saqajn. L-uġiegħ huwa kbir.

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Mark.[36]

Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu. Kienet it-tielet siegħa xħin sallbuh. Il-kitba li turi l-ħtija tal-kundanna tiegħu kienet tgħid hekk: "Is-sultan tal-Lhud." Miegħu sallbu wkoll żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajjruh, iċaqilqu rashom u jgħidu: "Għajb għalik, int li tħott it-tempju u tfittex terġa' tibnih fi tlitt ijiem! Inżel minn fuq is-salib u salva lilek innifsek!" Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih bejniethom u mal-kittieba u jgħidu: "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Ħa jinżel issa l-Messija, is-sultan ta' Iżrael, minn fuq is-salib biex aħna naraw u nemmnu!" U dawk li kienu msallbin miegħu bdew imaqdruh huma wkoll.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
Ġesù mhux biss jiġi msammar mas-salib iżda minn x'ħin ittieħed mil-Ġetsemani ma waqaf qatt ikun imżeblaħ u umiljat. U ż-żeblih dejjem jiżdied. L-uġiegħ tas-swat, l-għejja, l-għatx, il-weġgħat psikoloġiċi u l-konflitti spiritwali kien qed jgħixhom f'ambjent ostili, fejn kull min kellu xi ħaġa għalih, sabet il-qofol tagħha hemm. Issa la msammar żgur ma jista' jagħmel xejn iżjed. Mhux se jaħrab. Ikollu joqgħod għal dak li riedu huma.

Qarrej
Kemm inkun komdu meta ħadd ma jindaħalli. Issa Ġesù msammar mas-salib u ma jistax iċaqlaq imqar subgħajh biex iwissini jew biex jindaħalli. Imsammar mas-salib ma jista' jgħid xejn ħlief jokrob bl-uġiegħ. Issa bla saħħa u bla ħila. Iżda f'dak l-ambjent ta' rabja u mibgħeda Ġesù xorta jgħolli leħnu u jaħfer u jgħader lil dawk li sallbuh.[37]

Qarrej
Għall-ewwel il-kliem tiegħu jaqa' fuq widnejn torox, jew inkella bl-għajjat u l-istorbju ma nstemax, iżda għal min semgħu kien xaqq ta' dawl. "Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku lil

[36] Mark 15, 25-32
[37] Luqa 23, 34

min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom. Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra; min jeħodlok il-mantar, anqas il-libsa ma għandek tiċħadlu. Agħti lil kull min jitolbok; u min jeħodlok xi ħaġa tiegħek, titlobhilux lura. Kif tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, hekk ukoll agħmlu intom lilhom.[38] Dan mhux kliem fil-vojt biss. Ġesù kull ma tkellem dwaru jgħixu. Għalih din hi r-rejaltà. Hawn qed juri lilu nnifsu kif inhu tassew. Il-kobor tiegħu mhux għax għamel dak li n-nies stennew minnu, iżda għax kien ġenwin u koerenti. Għamel biss dak li kellu jsir.

Qarrej

U jiena nilgħab wisq bil-veritajiet li ngħid li nistqarr u l-mod kif inġib ruħi u nitkellem. Inpaċpaċ wisq iżda fatti ftit jew xejn. Il-ħajja tiegħi issir konflitt kontinwu bejn dak li ngħid li nemmen u dak li ngħix. Għalhekk ħadd ma jemminni, għalhekk ħadd ma jafdani. Lilu għadna nemmnuh u nafdawh.  Hu għadu jispirana. Għax baqa' sal-aħħar jgħix dak li għallem u għallem dak li emmen u emmen dak li tnissel mill-għaqda sħiħa mal-Missier. Din hi l-fidi tiegħu: ħajja sħiħa marbuta ma' Alla u mgħixa b'fedeltà sħiħa mal-bnedmin ħutu li ħabb.

# Skiet

Qarrej

Għalina li nilgħabu bil-verità daqs li kieku l-aqwa gidba.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li ma nagħdrux u naħfru, kif nixtieu li tgħadirna u taħfrilna inti.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li l-fedeltà u l-lejaltà jfissru biss opportuniżmu.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

[38] Luqa 6, 28-31

arrej u Ġemgħa

Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art.  Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni.  Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li huma msallba mal-imgħoddi tagħhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li ma jaħfrux.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li jiddejqu jitolbu maħfra.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jaħfru minn qalbhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna.  Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li ma jistgħux jinħelsu mill-mibgħeda.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jitolbu sinjali biex jemmnu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li l-fidi tagħhom hija mdawla mill-Kelma ta' Alla u mill-Knisja.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li jwebbsu rashom fil-ħażen.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li jagħlqu qalbhom għalik u għal ħuthom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

10. **Għal dawk li jħossuhom imsallbin fis-sitwazzjonijiet li jinsabu fihom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

# 12 Ġesù jmut fuq is-salib
**(Ħdejn il-Kulleġġ San Albert)**

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Kollox mitmum**
*Kollox mitmum,*
*jum wara jum.*
*Għamilt kulma ridt inti,*
*U llum il-pjan tiegħek maħdum.*
*U għalija s-solitudni,*
*għalija l-ingratitudni,*
*Għalija s-swat, il-bżieq, il-mewt.*
*Alla tiegħi għaliex tlaqtni!*
*Ismagħha l-isfida tal-bniedem ħażin.*
*Missier, kun ħanin:*
*warrabli minn fuqi dal-kiefer destin.*
*Jiġini bħalissa li nsejjaħ lill-anġli*
*ħa jiġu bil-qtajja,*
*Jeħduni, jwarbuni minn hawn;*
*u jħarbtu, jeqirdu lil dawn.*
*'Mma mhux li rrid jien,*
*imbeżża' w għajjien,*
*Għax dgħajjef il-laħam u jċedi malajr.*

Ikun li trid int, ħa jseħħ il-ħelsien
Li fassal Missieri minn ewl il-ħolqien.

*F'idejk, O Mulej, nerħi ruħi.*

# Ġesù jmut fuq is-salib
**(Ħdejn il-Kulleġġ San Albert il-Kbir)**

Qarrej
Is-salib wieqaf, u minxur miegħu jinsab Ġesù. Xejn ma fadal fih ħlief ir-rieda qawwija li jħobb u li jagħti sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Issa jinsab bejn

sema u art. Issa jinsab bejn Alla u l-bniedem. L-artal tas-sagrifiċċju ta’ patt ġdid bejn il-ħallieq u l-ħolqien tiegħu. Kristu jsir tassew il-qassis, l-artal u l-vittma. L-aħħar nifsijiet tiegħu jużahom biex jitlob, biex juri li għalkemm iħossu mwarrab xorta jfittex l-għaqda ma’ Alla l-Missier

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Mark.[39]

Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa. U fid-disa’ siegħa Ġesù għajjat b’leħen qawwi: “Eloî, Eloî, lema sabaqtani!”, li jfisser: “Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?” Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: “Ara, qiegħed isejjaħ lil Elija!” U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f’tarf ta' qasba u tah jixrob filwaqt li qal: “Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!” Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu. U l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s’isfel. Iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswitu, meta rah jgħajjat u jmut hekk, qal: “Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!”

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
Ma nistgħux nifirdu il-karba tal-għatx ta’ Ġesù mill-għajta tiegħu lill-Missier. Il-mistoqsija tiegħu lil Alla tikxef ix-xewqa kbira tiegħu li jkun miegħu. “Għaliex tlaqtni?” hija l-frażi li turi l-ħeġġa bla tarf li Ġesù kellu biex ikun ħaġa waħda mal-Missier. Għalih dak li tfisser il-fidi. Għalih dak hu l-għatx li jinqata’ biss meta l-għaqda sseħħ fil-milja kollha tagħha.

Qarrej
F’daqqa waħda Ġesù bħal jirrejalizza li dak il-ħin l-għaqda ma’ missieru kienet qed isseħħ tassew. Għalhekk jgħajjat “Kollox mitmum”[40]. Dak li kellu jseħħ wasal fit-temma tiegħu. Il-mixja li bdiet f’daqxejn ta’ għorfa f’Nazaret twasslet għall-għan tagħha fuq is-salib. Ġesù dak li xtaq u dak li ried, li l-għaqda fir-rieda tul ħajtu kollha, twassal biex isseħħ l-għaqda mill-ġdid b’mod sħiħ mal-Missier.

Iżda hemm dimensjoni oħra. U dan hu l-patt il-ġdid. L-għaqda ma sseħħx biss bejn il-Missier u l-Iben, imma bl-għotja sħiħa tal-Iben li refa’ fuq d-dnub tal-bniedem, l-għaqda sseħħ ukoll bejn il-bniedem, maħluq mill-ġdid u Alla.

---

[39] Mark 15, 33-39
[40] Ġwanni 19, 30

Qarrej

Hawnhekk l-esperjenza tal-fidi tidher fl-aqwa tagħha għax isseħħ fl-aqwa tagħha. Il-bniedem meħlus minn kull xkiel jinsab mill-ġdid f'sitwazzjoni fejn jista' jingħaqad b'mod sħiħ ma' Alla. Kif jien u int aħna ħaġa waħda, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina.[41] Hawn jinkixef is-sigriet tax-xewqa ta' Ġesù fl-aħħar ċena. Mhix sempliċiment talba għall-għaqda bejn id-dixxipli, iżda xewqa mimlija ħeġġa biex id-dixxipli jingħaqdu f'ħaġa waħda mal-Missier flimkien mal-Iben. Mhix sempliċiment stedina għal ħajja ta' Alla, iżda sehem sħiħ mill-ħajja tiegħu. Għalhekk Ġesù kontinwament jemfasizza kemm dak li ħa mingħand il-Missier għaddih lilhom u li lihom raddhom lura lill-Missier.

Qarrej

Il-fidi ssir ir-rejaltà meta nsir ħaġa waħda ma' Alla. U din mhix xewqa tiegħi l-ewwel, iżda hija x-xewqa li ġejja mill-imħabba ta' Alla stess. Hawn tidher l-imħabba ta' Alla, mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna.[42]

## Skiet

Qarrej

Għalina li ma nwasslux sal-aħħar dak li Alla jitlob minna.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li ma nftittxux l-għaqda sħiħa tagħna lkoll ma' Alla.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

Qarrej

Għalina li nippruvaw naqtgħu l-għatx tagħna għal Alla bl-ilma tar-raġuni u r-relattiviżmu.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa

Mulej, ħniena.

---

[41] Ġwanni 17, 21
[42] 1 Ġwanni 4, 10

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

1. **Għal dawk li jinsabu fil-mument tal-mewt.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

2. **Għal dawk li ma jaħfrux.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

3. **Għal dawk li xi darba qatlu lil xi ħadd.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

4. **Għal dawk li jinsabu bil-għatx għall-ġustizzja.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

5. **Għal dawk li għaddew għal ħajja ta' dejjem.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

6. **Għal dawk li jassistu lil min ikun wasal fl-aħħar ta' ħajtu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

7. **Għal dawk li ma jħobbux.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

8. **Għal dawk li ma jemmnux fi Kristu.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

9. **Għal dawk li jaħsbu li Alla nsihom u telaqhom.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

**10. Għal dawk li jibżgħu mill-mewt.**

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa
Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## 13

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Bħal fosdqa battala**
Bħal fosdqa battala, lumija magħsura,
Il-ġisem bla ruħ fuq Ommu mitfugħ.
La l-folla ċaħditu, w mal-ħatja salbitu,
Reġa għandha mill-ġdid, reġa għandha għal ftit.
Fil-fjur taż-żogħżija mar b'rasu mimlija,
U llum hekku l-fdal ta' kull ideal.
Min hi li ħabbitu, ma' qalbha rassitu,
Xtaqitu għal ftit ġo ġufha mill-ġdid.
Fis-skiet tal-hemm tagħha, jinfired minn magħha,
Il-Ġisem għajjien jistenna l-qawmien.
U waqgħet id-dalma, u waqgħet il-kalma,
'Mma hi baqgħet hemm, imbikkma bil-hemm.

# Ġesù mniżżel mis-salib u mqiegħed fi ħdan Ommu Marija

**(Ħdejn il-Knisja ta' Santu Wistin)**

Qarrej
Is-sikta waqgħet kullimkien. Il-ħolqien beka d-diżordni li nħolqot bil-mewt tal-Iben ta' Alla. Dlam. Biża'. Tmiem. Il-ġisem bla ħajja jitniżżel mis-salib u Marija tilqgħu fi ħdanha. Mhux iktar jibki u jxejjer idejh bħal meta ħaddnitu għall-ewwel darba f'Betlehem. Mhux tmellislu xahru bħal meta kien beda jitfarfar. Mhix tisimgħu jgħajtilha "Ma" mil-bogħod huwa u ġej jiġri ma' sħabu. Issa mejjet. Issa bla ħajja. Dak li bil-kelma tagħha ħa l-ħajja bħala bniedem, bil-kelma ta' bniedem ieħor, dik l-istess ħajja tneħħiet.

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann.[43]

Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek." Mbagħad qal lid-dixxiplu: "Hawn hi ommok." U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
Fil-ġisem mejjet ta' Binha, Marija tiret il-ġisem ġdid tiegħu; ġisem ħaj li tnissel fil-mewt u twieled fil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Hi laqgħetu wkoll bħal ma laqgħet l-istedina ta' Alla, ħabbitha u għexitha. F'idejha taf li m'għandhiex sempliċiment il-fdal ta' binha li ħabbet, iżda fi ħdanha ġiet afdata l-familja tiegħu. Donnu meta Ġesù jgħaddi lilha lil Ġwanni, hu bħal meta żgħażugħ imur ferħan għand ommu u juriha lill-maħbuba tiegħu, dik li lilha jrid jagħtiha ħajtu u hi ssir tiegħu għal dejjem. Marija ferħet bl-għarusa ta' binha. Ferħet għaliha u ħabbitha bħala ommha stess.

Qarrej
Forsi aħna mdorrijin nitfgħu l-attenzjoni tagħna fuq it-tbatija u d-dmugħ ta' Marija. Iżda dak il-ħin li ħallewlha fi ħdana l-ġisem mejjet ta' Binha hi wkoll rat twelid ġdid. It-twelid tal-knisja, u dan imlielha qalbha bil-ferħ. Hija tħares lejh u tara t-twettiq tax-xewqa ta' Ġesù dwar il-familja ġdida tiegħu: dawk li jisimgħu il-kelma ta' Alla u jagħmlu dak li jgħid hu.[44]

Qarrej
Marija, għallimna ngħixu din ir-rabta tagħna ma' Ibnek u mal-Kelma tiegħu. Għallimna ngħixu l-istennija bis-sabar magħna nfusna u ma' dawk ta' madwarna.

Għallimna nkunu Knisja vera, ġisem ta' Kristu ħaj fid-dinja, ħaġa waħda bejnietna u ma' Alla biex id-dinja temmen li Alla jħobb lill-bnedmin fuq kull ħolqien ieħor, iħobbu kif iħobb Alla biss. Aħna twelidna fi ħdanek taħt is-salib ta' Ibnek; twelidna mid-demm tal-għotja sħiħa tiegħu fuq l-artal tas-salib.

[43] Ġwanni 19, 25-27
[44] Ara Mark 3, 35

Għallimna nemmnu kif emmint int u ngħixu kif għext int. Għallimna nkunu Knisja ġenwina, lejali u fidila. Għallimna nneħħu kull xkiel li vvintajna; xkiel li jbiegħedna mill-Ispirtu ta' Ibnek. Għallimna nieqfu taħt is-salib biex minnu nieħdu l-ferħ u l-hena tal-ħelsien il-ġdid li ġabilna hu, minna nfusna u mill-ħolqien ta' jdejna.

Għallimna nafdaw fih u ningħaqdu għal dejjem miegħu. Ammen.

## Skiet

Qarrej
Għalina li ma nisktux fil-preżenza ta' Alla.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li fil-mewt naraw it-tmiem.
Kristu, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej
Għalina li ma nemmnux, ma nittamawx u ma nħobbux.
Mulej, ħniena.

Ġemgħa
Mulej, ħniena.

Qarrej u Ġemgħa
Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej u l-Ġemgħa
Sliem għalik, Sultana, omm tal-ħniena;
ħajja, ħlewwa u tama tagħna, sliem għalik.

Lilek ngħajtu,
għaliex aħna tturufnati, ulied Eva.
Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu
f'dan il-wied ta' dmugħ.

Ejja, mela, avukata tagħna,
dawwar lejna dawk il-għajnejn tiegħek tal-ħniena;
u wrina, wara dan it-turufnament,
lil Ġesu', frott imbierek tal-ġuf tiegħek.
O ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

Qarrej
Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

## 14

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
**Qaluli miskin**
Qaluli: Miskin kemm spiċċa ħażin,
Imkeċċi, midrub, mistkerraħ, mislub.

Kien għaref tassew, 'ma l-għerf m'użahx sew,
U baqa' jittarraf, u fl-aħħar iġġarraf.

Li kien ftit matur, flessibbli u jdur
Kien jibni futur, kien jagħmel karriera.

**Karriera!**
Karriera!
Kemm hawn nies imdejqa,
kemm hawn nies ilsiera,
Għax lagħbu mas-sewwa
biex jagħmlu karriera!

Jien ħsibt f'elf karriera
kif jifhmu l-bnedmin,
Ma sibt ebda waħda
li taqbel ma' ta' Kristu Divin.

Karriera!
Min jagħmel għall-fama,
min jagħmel għall-flus,
Min ħsiebu biex jaħkem
u jġelled il-ġnus!

Ejjew nies tad-dinja
fid-dlam mitlufin,
Ixgħelu musbieħkom
mid-dija ta' Kristu Divin.

Karriera!
Din hija l-karriera
ta' Kristu l-Feddej,
Li tgħix ħajtek kollha
għal sieħbek għal xejn.
Ejjew nies tad-dinja
mgħobbija bid-dnub,
Ixorbu mill-għajn tal-imħabba
ta' Kristu mislub.

## Ġesù midfun f'qabar ġdid

**(Ħdejn il-każin tal-Banda King's Own)**

Qarrej

Il-qabar ġdid jilqa' fih il-ġisem tal-vittma l-ġdida. Il-qabar isir il-maqdes li fih tintiseġ il-ħajja l-ġdida. Il-ġuf tal-art li jwelled il-ħajja tal-bniedem f'Alla. Difnuh mingħajr funeral, malajr u bil-għaġġla, kważi bil-moħbi. Għalkemm għexu miegħu ma fehmuhx, u għalihom, bħal ma jiġri lilna, dak li raw kien it-tmiem. "Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael."[45] Iżda issa m'hemm xejn iżjed x'tittama. Ġerbu "ġebla kbira quddiem il-qabar" u telqu.[46]

Qarrej

Qari mill-Evanġelju skont San Mark.[47]

Kien ġa sar filgħaxija, u billi kien Jum it-Tħejjija, jiġifieri lejlet is-Sibt, Ġużeppi minn Arimatija, membru magħruf tal-Kunsill, li hu wkoll kien jistenna s-Saltna ta' Alla, għamel il-ħila, daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu stagħġeb li kien ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun u staqsieh jekk kienx ilu li miet. Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun, ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi, u dan xtara liżar tal-għażel, niżżel lil Ġesù mis-salib, keffnu fil-liżar u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat; imbagħad gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar. Marija ta' Magdala u Marija omm Ġosè qagħdu jaraw fejn tqiegħed.

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa

It-tifħir lilek, Kristu.

[45] Luqa 24, 21
[46] Ara Mattew 27, 60
[47] Mark 15, 42-47

Qarrej

Id-dlam u s-skiet tal-qabar itemmu l-mixja tal-bniedem fuq l-art. Jaqa s-skiet kullimkien. Il-ħemda taħkem l-inħawi kollha. Ħadd ma jrid jemmen dak li seħħ avolja l-ġrajja għadhom friski. Kellna tama. Ittihdietilna. Kellna l-hena u tħarbtitilna. Qalbna mimlija bin-niket tal-illużjoni. L-għejja, t-tensjoni, il-biża'. Nafu x'ġara minnu. Ma nafux x'se jiġri minna. Min ittradieh, min ċaħdu, u ħafna ħarbu u ma deherux iktar.

Qarrej

Iżda fil-qabar qed tinħema ġrajja ġdida. Bħal forn li fih jinħema l-ħobż. Il-ġisem ta' Ġesù qed isir il-ħobż il-ġdid li jgħajjex għal dejjem lil dawk li jgħixu bih, li dawk li jħalluh imantnihom bih innifsu. Aħna ndfinna miegħu fil-Magħmudija tagħna biex inqumu miegħu u ngħixu għal dejjem.[48]

Qarrej

Il-qabar jista jfisser diżappunt u illużjoni kbira. Iżda għalina li nemmnu, l-qabar huwa l-għajn li minnha jnixxi ilma ħaj. Minn hemm jorħroġ rebbieħ fuq il-mewt dak li b'mewtu rebaħ fuq id-dnub. U miegħu noħroġu rebbieħa aħna.

Qarrej

Skont il-fehma tal-Papa

Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid Inti, kif fis-sema hekkda fl-art.

Ġemgħa

Ħobżna ta' kuljum, agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina; la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna minn kull deni. Ammen.

Qarrej

Sliem għalik Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek Ġesù.

Ġemgħa

Qaddisa Marija, Omm Alla, itlob għalina midinbin, issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Ammen.

Qarrej

Glorja lill-Missier u lill-Iben u lill-Ispirtu s-Santu.

---

[48] Ara Rumani 6, 3-4

Ġemgħa
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem u jibqa għal dejjem ta' dejjem.  Ammen.

Qarrej
Imbierka l-passjoni u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

Il-Ġemgħa
Mulejja, ħenn għalina u l-maħfra ta' dnubietna agħtina.

# 15 Ġesù jqum mill-mewt
**(Quddiem San Ġwann)**

Qarrej
Naduraw O Ġesù u nberkuk.

Il-Ġemgħa
Għax b'salibek u l-mewt tiegħek Inti fdejtna.

Il-Kor
Innu Ewkaristiku

Qarrej
Qari mill-Evanġelju skont San Luqa.[49]

Dak in-nhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm, jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien ġara. Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh. U hu qalilhom: "X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?" U huma waqfu, b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom. Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: "Inti waħdek  il-barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?" "X'ġara?" staqsiehom Ġesù. Qalulu: "Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu, kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun ikkundannat għall-mewt u sallbuh. Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn  il-ġrajja! Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-qabar u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li qalulhom li hu ħaj. Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!" Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?" U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.

Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel ta' birruħu li kien se jibqa' sejjer aktar 'il bogħod. Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm." Mbagħad daħal biex joqgħod magħhom. U waqt li kien fuq il-mejda

[49] Luqa 24, 13-36

magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom. Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom. U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?" Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien, u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!" U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż. Kif kienu għadhom jitkellmu, Ġesù nnifsu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!"

Il-Kelma tal-Mulej

Il-Ġemgħa
It-tifħir lilek, Kristu.

Qarrej
℟. (42, 2): Tixxennaq ruħi għalik, o Alla tiegħi!

Ruħi għatxana għal Alla,
għal Alla l-ħaj;
meta niġi u nara wiċċ Alla? ℟.

Kif kont nimxi lejn it-tabernaklu tas-sebħ
sad-dar ta' Alla,
fost għajta ta' ferħ u ta' radd il-ħajr,
qalb folla ferħana. ℟.

Ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek;
huma jmexxuni;
iwassluni sal-għolja mqaddsa tiegħek
u sal-għerejjex tiegħek. ℟.

U nidħol ħdejn l-artal ta' Alla,
ħdejn Alla, ferħ u hena tiegħi.
U rroddlok ħajr biċ-ċetra,
o Alla, Alla tiegħi. ℟.

Il-Kor u l-Ġemgħa
Dal-Misteru għarkubbtejna,
Ejjew mela naduraw,
U quddiem ir-riti ġodda,
Suriet qodma jispiċċaw.
Bit-twemmin ġo qalbna nħossu,
Dak li s-sensi le jaraw.

Lill-Missier inroddu l-Iben,
B'qalbna kollha kull tifħir,
Lejhom mat-tberik ta' qalbna,
B'imħabbitna 'l fuq ittir.
Lill-Ispirtu li ġej minnhom,
Ħajr ukoll xejn inqas kbir.

Arċisqof
Nitolbu
O Alla, li f'dan is-sagrament tal-għaġeb ħallejtilna t-tifkira tal-Passjoni tiegħek: agħtina, nitolbuk, li nqimu l-misteru tal-Ġisem u d-Demm tiegħek hekk li nħossu fina bla heda dak li rebbħitilna l-fidwa tiegħek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

*Tingħata l-Barka Sagramentali*

## Invokazzjonijiet

L-Arċisqof u l-Ġemgħa
Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-Isem Imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-Isem ta' Ġesù.
Imbierka l-Qalb Imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm Għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesù fis-Santissmu Sagrament tal-artal.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierka l-kbira Omm Alla Marija Santissima.
Imbierka l-Imqaddsa u Immakulata Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-tlugħ glorjuż tagħha fis-sema.
Imbierek l-Isem ta' Marija Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp għarus kastissimu tagħha.
Imbierek Alla fl-Anġli u l-Qaddisin kollha tiegħu.

## Salm 116 (117)

IL-Kor u l-Ġemgħa
Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, *
sebbħuh, popli kollha!

Għax kbira hi t-tjieba tiegħu magħna, *
il-fedeltà tal-Mulej tibqa' għal dejjem.

Glorja lill-Missier u lill-Iben *
u lill-Ispirtu s-Santu.

Kif kien mill-bidu, issa u dejjem *
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen.